IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru.29 (Disgħa u Għoxrin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali tal-Kunsill nhar il-Erbgħa, 14 t' Ottubru, 2015 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sndku | Neil Attard |
| Il-Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| **Skuzati:** | |
| Ambaxxatur taż-Żgħażagħ | Nicole Buttigieg |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

   Kulħadd preżenti.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

   2.1 Kien hemm korrezzjoni waħda fejn is-Sinjura Antonia Buttigieg xtaqet li jitniżżel dak li kienet stqarriet hi fuq l-ilmenti. *Is-Sinjura Buttiġieġ kienet qalet li hi mhux ser tibqa ttella' ilmenti fuq* il-proposta biex isir Bus Shelter f' Dawret ix-Xatt, fuq il-Plot il-vojt ta' Triq Karmelo Ritchie u fuq il-ħmieġ li qiegħed ikun hemm madwar il-Bring in Site ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Dan għaliex il-Kunsill ilu jilmenta ħafna mal-awtoritajiet pero l-affarijiet qed jibqgħu kif inhuma.

3. Item Nru 3 *fuq* l-Aġenda – Matters arising *mill-Minuti tal-Laqgħa ta'* qabel:

   3.1 SSTP impjant f'ta' Barkat – Is-Sindku qal li kellna laqgħa tal-Monitoring Committee fl-impjant ta' Barkat. Dan l-aħħar ġranet qed ikun hawn riħa qawwija ta' drenaġġ u qed ikollna ħafna

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

lmenti mir-residenti wkoll. Is-Sur Valvo kompla u qal li hu iċempel reġolarment lil Ing. Stefan Cachia. L-Ing. Cachia qallu li l-pompa ma laħqitx u għalhekk kellhom iżidu oħra.

Il-Kunsill qabel li nitolbu laqgħa urġenti mac-*CEO* tal-MEPA sabiex nitkellmu fuq l-applikazzjoni tal-*landscaping* u naraw fiex waslet għaliex issa ilha l-fuq minn erba' snin.

3.2 Bring in site ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja – Is-Segretarju qal li kellu kuntatti mal-*GreenPak* sabiex naraw il-possibilta' li nċaqilqu l-BIS ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja u jitpoġġew fejn il-bandli pero' l-*GreenPak* oġġezzjonaw minħabba l-fatt li jiġu viċin tar-roundabout u għalhekk meta jiġu biex ibattluhom jistgħu jkunu ta' inkonvenjent għall-karozzi li jgħaddu.

3.3 Fencing madwar il-proġett – Is-Segretarju ppreżenta stima ta' xogħol ta' dan il-fencing u din l-istima laħħqet l-ammont ta' madwar €9,000 inkluż l-installazzjoni. Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mas-Segretarju Parlamentari l-Onor. Stefan Buontempo sabiex nipproponu l-finanzjament ta' dan il-fencing.

3.4 Skema Restawr – Is-Sindku qal li rigward din l-iskema s'issa għadna ma smajna xejn.

3.5 Gal Xlokk – Is-Sindku qal li ser ikollna laqgħa mal-GAL Xlokk nhar it-Tlieta 20 t' Ottubru fl-10am sabiex nitkellmu fuq is-sħubija tal-Kunsill Lokali tax-Xgħajra fil-GAL Xlokk. Is-Sur Valvo ħabbar ukoll li minn informazzjoni li għandu il-*membership fee* ġiet riviżjonata u tnaqqset minn €1000 kull Kunsillier għal €500 kull Kunsillier. Għalhekk l-ispiża tal-Kunsill ser tkun ta' €2,500 u mhux €5,000. Il-Kunsill qabel unanimament li nissiebħu fil-GAL Xlokk u għalhekk naraw kif inhuma il-proċeduri biex nissiebħu uffiċjalment.

3.6 Bus Shelters – Is-Sindku qal li wara li tkellem ma' Kevin Zahra u pproponielu li naqilgħu il-*Bus Shelter* tal-ħġieġ ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja u ninstallawh mal-*Bus Stop* penza (f' Dawret ix-Xatt) dan tal-aħħar qallu li mhux possibbli pero' ppropona li jinbena wieħed tal-ġebel mill-Public Works imbagħad isir ix-xogħol ta' manutenzjoni mill-Kunsill.

3.7 Laqgħa mal-Onor. Chris Agius – Is-Sindku qal li kellna din il-laqgħa mal-Onor. Agius u wara li pproponejna *outdoor gym* fil-*Fort Park* huwa qalilna li mhux possibbli minħabba li mhux

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

qed ikunu popolari u għalhekk huwa ppropona li flok nipproponu *jogging track* jew *cycling track*. Il-Kunsill qabel unanimament li nipproponu uffiċjalment *jogging track* fil-*Fort Park* u *cycling track* u *jogging track* quddiem il-*Multipurpose Hall* u jkun parti mill-proġett ta' Triq il-Fortizza tal-Grazzja.

3.8 Plot Triq Karmelo Ritchie – It-talba lil Public Works u lid-Direttur Ramon Deguara intbgħatet però minkejja diversi reminders għadna mingħajr risposta għalhekk ser nerġgħu nibgħatu reminders uffiċjali mill-Kunsill.

3.9 Korsijiet tal-Kompjuter – Is-Sindku qal li ser ikollu laqgħa mat-TCTC nhar il-Ħamis tal-ġimgħa d-dieħla.

3.10 Laqgħa Plenarja – Is-Sindku qal li hu mhux ser jattendi bi protest minħabba l-fatt li hemm *issues* aktar importanti x'jiġu diskussi milli tal-iskart. Waħda minn dawn l-issues hija l-iskema tal-Proġetti Kapitali li issa ilha wieqfa għal diversi xhur minħabba li kien hemm appell.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 GreenPak – Il-Kunsill irċieva proposta mil-GreenPak sabiex nibdew nilqgħu ħwejjeġ, toys u oġġetti oħra wżati mir-residenti sabiex jiġu riċiklati. Il-Kunsill qabel li nibdew nilqgħu dawn l-oġġetti u nagħmlu avviż fil-ħarġa li jmiss tal-*Kuntatt* tal-Kunsill.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Il-Pagamenti ġew approvati b'erbgħa voti favur u astensjoni waħda.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Il-Kunsill qabel li l-iskips kollha apparti tax-Xatt jitneħħew minħabba li qed ikollna ħafna abbużi. Dan isir fil-bidu tas-sena d-dieħla u wara li jiġu nfurmati r-residenti kollha kkonċernati. Dawn l-iskips li ser jitneħħew jiġu riallokati max-xatt bi prova. S'issa l-Kunsill diġa kellu jneħħi l-iskip ta' fejn l-iskola minħabba l-istess problema.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

6.2 Il-Kunsill qabel li nagħmlu talba ma' Trasport Malta sabiex naraw kemm hu possibbli li jibdlulna t-tabelli tat-toroq kollha minħabba li ssaddu kollha. Nibgħatu lis-Sur Robert Buhagiar.

6.3 Is-Sur Neil Attard qal li r-rappreżentanti mix-Xgħajra fil-programm *Tra Sogno e Realta* irringrazzjaw lil Kunsill tal-apprezzament.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Attivita' soċjali oħra ser issir fit-22 ta' Ottubru fejn ser inżuru il-Crafts Village.

7.2 Għoti tal-Borza ta' San Martin lit-tfal bejn it-3 u l-10 snin. Il-Kunsill qabel li bħas-snin l-oħra din l-attivita' terġa' ssir din is-sena wkoll. Għalhekk jinħarġu l-karti biex jinfethu l-applikazzjonijiet. San Martin ser jigi nhar is-Sibt 7 ta' Novembru u dakinahar isir l-għoti tal-boroż bħas soltu.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Financial Quarterly Reports

8.1 Dan ir-rapport ser jittella' għall-approvazzjoni fil-laqgħa li jmiss.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda – Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjonijiet

9.1 Is-Segretarju ppreżenta kwotazzjonijiet li rċieva l-Kunsill tas-servizz ta' Accountant u tal-Insurance.

9.2 Kwotazzjoni tas-Servizz ta' Accountant – Il-Kunsill irċieva żewġ offerti. Waħda minn l-Accountant preżenti Adrian Chircop u oħra mil-BPM Consultancy Services Ltd.
Wara li l-Kunsill ra l-offerti kien hemm qbil unanimu li jagħżel l-offerta ta' BPM Consultancy Services Ltd minħabba li hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

IX-XGĦAJRA

9.3 Kwotazzjoni għal servizz ta' Insurance – Il-Kunsill irċieva offerta waħda biss li kienet tal-Island Insurance u wara li din ġiet evalwata l-Kunsill qabel unanimament li tiġi aċċettata din l-offerta.

Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Il-Kunsill qabel li ssir fencing fil-bandli bil-ħaddiema tal-Kunsill sabiex nagħmlu l-post aktar sigur fi Triq l-Awrat.

8.2 Sqaq Ras il-Ġebel – F' dan l-isqaq hemm periklu minħabba nuqqas mill-Kuntrattur li bena hemm u għalhekk ser nitkellmu mal-Kuntrattur biex jieħu ħsieb jirranġa dan l-isqaq. Is Sur Neil Attard qal li se jkellmu hu.

8.3 Sa Borg reġgħet qajjmet li tuża l-garaxx biswit il-librerija biex tagħti l-privat b'xejn u s-Sindku ġibet l-attenzjoni li dan huwa suġġett li diġa' ttieħdet deċiżjoni fuqu fil-passat u għalhekk m'hijiex iżjed għad diskuzzjoni.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornament għal nhar it-Tlieta, 24ta' Novembru, 2015 fil-5.30pm

Segretarju Eżekuttiv

Sindku

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt